Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 353/2012

**Michael Muscat**

**Vs**

**Emanuel Dalli**

2 ta' Marzu, 2018.

1. B'rikors prezentat fid-19 ta' Ottubru, 2012 l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tikkundanna lill-konvenut thallsu s-somma ta' €8,078 jew somma ohra, rapprezentanti danni meta l-attur ingombra l-passagg liberu tal-attur fuq raba" ta' Lebbien sive ta' Legano tal-kejl komplessiv ta' sitt itmiem hames sighan u tmien kejliet, u dan billi dejjaq il-passagg li jaghti ghall-istess raba' u b'hekk l-istess raba' ma setax jinhadem bl-ingenji kbar kif kien isir qabel.

2. Il-konvenut wiegeb li:

   i. L-attur m'ghandux jedd ta' passagg.
   ii. L-attur irid jipprova li ghandu jedd ta' passagg.
   iii. Il-konvenut ma ngombra jew dejjaq l-ebda passagg li ghandu jedd fuq l-attur.
   iv. Il-konvenut m'ghandu jwiegeb ghall-ebda danni.
   v. L-attur irid jipprova d-danni.
   vi. L-ammont pretiz hu ezagerat.

3. Iktar 'il quddiem fil-kawza, l-attur ta eccezzjoni ulterjuri li l-azzjoni hi preskritta (artikolu 2153 tal-Kodici Civili).

4. **<u>Fatti.</u>**

   i. B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2012 fil-kawza **Michael Muscat vs Emanuel Dalli** (842/2007), il-Prim'Awla ddikjarat li l-konvenut kien ghamel *"... spoll abbuziv u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti limitatament meta fil-moghdija li hemm fl-artijiet Ta' Legano sive Ta' Lebbien, limiti tal-Gudja, u mertu ta' din il-kawza, dejjaq il-fetha li hemm bejn l-ghalqa tal-attur u dik tal-konvenut billi qieghed gebel inkluz tal-kantun u b'mod illi l-fetha ma baqghetx wiesgha disa' piedi izda saret zewg piedi u nofs"*. Il-qorti kkundannat lill-konvenut sabiex fi zmien xahar mid-data tas-sentenza, jerga' jwessa' l-fetha ghal dak li

kienet qabel sehh l-ispoll. Mis-sentenza jirrizulta li l-ispoll sehh f'Gunju, 2007.

ii. Dik is-sentenza hi *res judicata*.

iii. Fid-19 ta' Ottubru, 2012 l-atturipprezenta l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas tas-somma ta' €8,087 jew somma ohra li tirraprezenta telf ta' qliegh li sofra l-attur meta l-konvenut dejjaq il-passagg liberu ghar-raba' ta' Lebbien sive ta' Legano, Gudja, u dan ghaliex l-attur isostni li ma setax jahdem zewg ghelieqi, markati 'A' u 'B' fir-ritratt CSH2 a fol. 85 minn meta sehh l-ispoll sakemm giet ezegwita s-sentenza.

5. B'sentenza tad-9 ta' Marzu, 2016 l-ewwel qorti ddecidiet:

*"... tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma ridotta fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsin ewro (€3,250).*

*L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet stante li l-ammont originarjament mitlub mill-attur kien aktar mid-doppju ta' dak li gie likwidat minn din il-Qorti"*.

6. Kull parti fil-kawza ipprezentat appell.

7. Fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx x'izidu u li l-qorti tista' taghti s-sentenza. Il-qorti qrat l-atti.

8. Il-qorti ser tibda billi tikkunsidra l-appell li ppropona l-konvenut.

9. **<u>L-ewwel aggravju – preskrizzjoni tal-azzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili</u>**.

9.1 L-ewwel qorti cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

9.2 L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jipprovdi li, *"Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' dilgenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk"*.

9.3 Fil-gurisprudenza jidher li hu accettat li f'kawza ta' spoll l-attur ma jistax jitlob id-danni (ara per ezempju s-sentenza tal-Prim'Awla, **Joseph Attard et vs Victoria Sammut et** tat-13 ta' Frar, 2003). Wara din il-posizzjoni hemm il-hsieb li azzjoni ta' spoll ghandha tindirizza biss jekk l-attur giex spoljat u fl-affermattiv li jitqieghed fil-posizzjoni li kien qabel sehh l-ispoll.

9.4 L-artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi, *"Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi,* ***il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata****, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".*

9.5 L-ispoll jilledi d-dritt tal-possessur ghall-konservazzjoni tad-disponibilita' tal-beni. L-ispoll jikkostitwixxi att illecitu li jilledi dak id-dritt tal-possessur. L-azzjoni li ppropona l-attur hi bazata fuq l-agir illecitu tal-konvenut li dejjaq il-wisa' tal-entrata minn fejn kien jghaddi l-attur biex jidhol fl-ghalqa tieghu. Li kieku l-attur ippropona l-kawza qabel giet deciza il-kawza ta' spoll, l-azzjoni ghad-danni kienet tkun intempestiva.

9.6 Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-qorti tikkonkludi li l-azzjoni ghad-danni minhabba l-ispoll li wettaq il-konvenut kellha tigi ezercitata wara li s-sentenza fil-kawza ta' spoll saret *res judicata*.

9.7 Ghaldaqstant tichad l-ewwel aggravju.

10. **<u>It-tieni aggravju – apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel qorti</u>**.

10.1 Il-konvenut isostni li l-qorti ma kellix issib htija ghaliex l-attur ghandu access iehor ghar-raba' tieghu. Access li jsostni li gie kkonstatat mill-ewwel qorti waqt l-access li sar fl-24 ta' Settembru, 2015.

10.2 Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet, *"Il-konvenut donnu jaghmel enfazi li l-attur kellu minn fejn jghaddi u cioe' minn band'ohra pero' din mhix il-kwistjoni jew ahjar il-pern tal-kawza odjerna. L-attur qed isostni li b'dak l-agir tal-konvenut li dejjaqlu l-fetha huwa sofra danni ghaliex ma setax jahdem ir-raba' tieghu kif misthoqq".* Fil-fehma ta' din il-qorti din kienet materja rilevanti. Jekk l-appellant kellu mezz ta' access iehor bl-ingenji, ikun ifisser li ma jistax jippretendi telf ta' qliegh ghaliex kellu l-mezz alternattiv biex jahdem ir-raba' u jiehu l-prodott minnha.

10.3 Mill-verbal tal-access li sar fl-24 ta' Settembru 2015 ma jirrizultax li waqt l-access instabet fetha alternattiva li minnha l-attur seta' jidhol u johrog bl-ingenji. Fil-verbal gie registrat, *"Il-konvenut jiddikjara illi l-attur minn dejjem kellu access ghall-ghalqa mertu tal-kawza minn hdejn razzett li huwa ghandu jmiss mal-ghalqa aggacenti mal-ghalqa in kwistjoni.* ***Il-passagg l-iehor li jwassal ghall-ghalqa in kwistjoni mertu tal-kawza li minnu ghaddiet il-qorti huwa <u>wiehed bir-rigel</u>****".* Passagg li ovvjament m'huwiex bizzejjed, gialadarba l-appellat kien juza l-ingenji biex ighaddi mill-passagg tal-konvenut.

10.4 Fil-verbal tal-access gie registrat ukoll, *"Il-Qorti giet murija l-ghalqa mertu tal-kawza fejn fit-tarf taghha skont il-konvenut kien hemm passagg kif muri fir-ritratti ezebiti minnu seduta stante mmarkati Dok. Q, liema ritratti allegatament gew mehuda minnu f'Gunju 2015. Il-partijiet jaqblu li fuq in-naha l-ohra tal-fetha hemm ghalqa ohra mahruta li tinsab ukoll fil-pussess tal-attur"* (fol. 383). Hu evidenti li hawn ir-riferenza hi ghall-ghalqa markata bl-ittra 'A' fir-ritratt CSH2 (fol. 85).

10.5 Fl-aggravju l-attur ghamel riferenza wkoll ghal dak li xehed Jesmond Borg (ara affidavit fol. 227), li xehed: *"Fil-fatt meta kont nittawwal min-naha t'isfel tal-ghelieqi, kont nara l-karozzi ta' Muscat u anki ta' Joseph ipparkjati fl-ghelieqi li ghandhom fuq in-naha t'isfel u kienu jaccessaw l-ghalqa li hemm tmiss ma' Dalli mill-passaggi tan-naha t'isfel (Dok JJB2 min-naha ta' marka B)"*. Dwar l-ghalqa li hemm tmiss mal-konvenut diga' hemm sentenza tal-Prim'Awla li hi gudikat. Dan apparti li fil-parti fejn ix-xhud immarka bl-ittra 'B' fis-site plan JJB2 (fol. 232) ma jirrizultax li hemm xi fetha fil-hajt tas-sejjiegh li jikkonfina mat-triq. Inoltre', x-xhud ma qal xejn dwar l-ghalqa l-ohra, cjoe' dik markata bl-ittra 'A' fir-ritratt CSH2 a fol. 85.

10.6 L-istess konvenut jidher li lanqas ma kien konsistenti fejn kienet tezisti l-fetha. Fl-affidavit ipprezenta *orthophoto* tal-2008 (fol. 225) u indika numru ta' fethiet. Sussegwentement beda jsostni li l-access ghar-raba' markata bl-ittra 'A' fir-ritratt CSH2 (fol. 85) kien mir-raba' markata 'Y' fir-ritratt a fol. 373, li hi wkoll fil-pussess tal-attur b'kirja minghand sid li mhuwiex l-Ufficcju Kongunt. Jista' jkun li dan kien minhabba li r-raba' tal-konvenut hi ferm iktar l-isfel minn fejn l-attur ghandu l-ghalqa markata bl-ittra 'A'.

10.7 Wiehed mill-principji fil-kamp tad-danni hu dak li l-attur ghandu d-dmir li jnaqqas id-danni. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti Suprema Kanadiza fil-kaz **Janiak vs Ippolito** (1985) fejn dwar din il-materja ntqal:

> *"The principle to be applied with respect to the mitigation of damages in the case of tort is clear. The plaintiff is "bound to act not only in his own interests, but in the interests of the party who would have to pay damages, and keep down the damages, so far as it is reasonable and proper, by acting reasonably in the matter". "If any part of his (the plaintiff's) damage was sustained by reason of his own negligent or unreasonable behaviour, the plaintiff will not be recouped as to that part." However, "the question what is reasonable for the plaintiff to do in mitigation of damages is not a question of law, but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant". The authorities show that once the plaintiff has "made out a prima facie case of damages, actual or prospective,*

*to a given amount", the burden lies upon the defendant to prove circumstances whereby the loss could have been diminished. Not only must the defendant discharge the onus of showing that the plaintiff could have mitigated his loss if he had reacted reasonably, but he must also show how and to what extent that loss could have been minimized"*.

10.8 Il-qorti m'hi konvinta xejn li l-attur ma setax igawdi l-ghalqa 'A' (Dok. CSH2 a fol. 85). Il-qorti tosserva:

i. Tikkonfina mar-raba' 'A' (fol. 85) l-attur ghandu raba' ohra li hi markata bl-ittra 'Y' fir-ritratt a fol. 373. Fatt konfermat mill-attur stess meta xehed fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 (fol. 366).
ii. Biex l-attur jidhol fir-raba' markata bl-ittra 'Y' ghandu access minn band'ohra. Joseph Debono in kontro-ezami xehed (seduta tal-20 ta' Ottubru 2015, fol. 408) li l-attur ghandu razzett fejn ighix u ilu fil-pussess tieghu sa mis-sena 1957 flimkien ma' ghalqa ta' maghha li jikri minghand terz li mhuwiex l-Ufficcju Kongunt. Zied li, *"... l-ghalqa li hemm ma' dan ir-razzett tmiss ukoll ma' ghalqa meritu tal-kawza odjerna"*.
iii. Il-qorti tifhem li biex l-attur jahdem il-porzjon 'Y', jidhol bl-ingenji.
iv. L-attur m'ghamel l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-porzjon 'Y', u allura tifhem li xorta baqa' jkollu access ghaliha.
v. Fir-rikors guramentat 842/2007 fl-ismijiet **Michael Muscat vs Emanuel Dalli**, fil-premessi m'ghamel ebda riferenza ghall-ghalqa markata bl-ittra 'A'. Il-premessa li ghamel hi, *"Illi inoltre, l-esponenti ghandu b'titolu ta' qbiela u anke ghandu l-pussess effettiv ta' ghalqa retrocessa li hija ndikata fuq l-imsemmija pjanta A B C D u sabiex huwa jaccedi ghal din l-ghalqa jghaddi minn moghdija li taghti minn fuq l-imsemmija triq, fuq art detenuta mill-konvenut sakemm tasal sal-ghalqa tal-esponenti, liema moghdija hija wahda kemm bir-rigel kif ukoll bl-ingenji"*. L-ghalqa ABCD m'hijiex l-ghalqa markata bl-ittra 'A' fir-ritratt CSH2 izda dik bl-ittra 'B' li fiha mansab. Jekk l-ispoll kellu effett fuq l-ghalqa markata bl-ittra 'A', il-qorti kienet tistenna li l-attur issemmiha fir-rikors guramentat.
vi. Il-qorti rat l-atti 842/2007 gialadarba saret riferenza ghalihom. F'dik il-kawza l-attur u Joseph Debono xehedu b'affidavit, u m'ghamlu ebda riferenza ghar-raba' markata bl-ittra 'A'. Il-qorti zzid li fl-atti hemm *aerial photos* li l-konvenut ipprezenta b'nota (fis-7 ta' April, 2009). Ghalqa' mmarkata bl-ittra 'A' fir-ritratt CSH2 tidher ukoll fir-ritratt ED28[1] u hu car daqs il-kristall li r-raba' kienet qeghda tinhadem. Fuq l-istess ritratt hemm stampati l-kliem *"Image 2009 DigitalGlobe"*. Indikazzjoni cara li

[1] Fol. 90 tal-process 842/2007JZM.

l-attur kellu mezz ta' dhul u hrug ghar-raba' markata 'A' fid-dokument CSH2.

10.9 Il-qorti zzid li waqt l-access il-konvenut ipprezenta numru ta' ritratti (fol. 386-392) biex juri l-passagg alternattiv li seta' jaghmel uzu minnu l-attur biex jidhol fir-raba' 'A' (fol. 85). Il-qorti fehmet li l-konvenut qieghed isostni li l-attur ghalaq il-fetha qabel il-gurnata li fiha sar l-access. Il-qorti tibda biex tosserva li kien ikun floku li l-konvenut jixhed u jispjega ezatt fejn kienet tinsab il-fetha li tidher fir-ritratti (fol. 388-390) u mhux semplicement jipprezenta r-ritratti. Madankollu sussegwentement xehed Joseph Debono fuq domandi tad-difensur tal-attur (seduta tal-20 ta' Ottubru, 2015) li evidentement hu *right hand man* tal-attur. Debono xehed, *"Huwa minnu biex jiena nghaddi ghar-raba' mahrut nghaddi, qed nindikah lill-Qorti f'dokument li qed jigi ezebit mahrug mill-Google Earth bhala Dokument MS3. Jiena dakinhar hsadt il-qamh biex nghaddi. Huwa minnu li dan ir-ritratt gie mehud wara s-seduta ta' Mejju u dan ghaliex kelli zmien stipulat 9 ta' April meta kelli naqla' l-patata"*. Minn dak li fehmet il-qorti, Debono qal li kien ghamel fetha fil-hajt divizorju bejn l-ghalqa 'A' u ghalqa ohra li qeghda fil-pussess tal-attur, biex dahal fir-raba' fejn kellu mizrugha l-patata. Ix-xhud qal li ghamel hekk ghaliex mill-passagg normali ma setax ighaddi minhabba t-tajn li kien hemm bix-xita; *"Il-hajt ma damx imwaqqa aktar minn xahrejn u nofs u kont jien li ergajt bnejt l-istess hajt u jiena ma hallejtux imwaqqa"*. Il-qorti tistaqsi bil-mod li agixxa l-attur fil-bzonn, kif m'ghamilx l-istess sakemm kienet pendenti l-kawza ta' spoll ? Debono xehed ukoll dwar ir-ritratti li pprezenta l-konvenut, u qal *"Qed nigi muri ezebiti fl-atti waqt l-access u nghid li dawn mhux vera gew mehudin …. Fil-fatt f'Gunju ma jkunx ahdar, ikun niexef"*. F'dawk ir-ritratti tidher fetha u l-indikazzjoni hi li verament kienet tezisti bejn l-ghalqa 'Y' (ara ritratt a fol. 373) u l-ghalqa 'A' (Dok. CSH2 a fol. 85). F'dan ir-rigward il-qorti zzid:-

- Evidentement dawk ir-ritratti ma ttiehdux snin qabel izda fil-mori ta' din il-kawza, u wara li l-konvenut ipprezenta l-affidavit tieghu;
- Hu veru li Debono ipprezenta orthophoto tal-1957 (Dok. MS1, fol. 410) fejn bejn l-ghalqa 'Y' u 'A' jidher hajt divizorju kontinwu. Pero' dak ir-ritratt ittiehed snin twal ilu u r-ritratti li pprezenta l-konvenut jindikaw li fetha kienet tezisti;
- M'hemmx prova li dik il-fetha saret mill-konvenut. Probabbilment kieku saret minn terz l-attur kien jaghmel rapport kif ghamel meta sab li l-fetha kienet iddejjqet. Prova ta' dan m'hemmx.

10.10 Li kieku l-attur verament ried jahdem l-ghalqa 'A' kellu mezz facli kif. Ghalhekk ma jistax jippretendi telf ta' qliegh ladarba minn jeddu baqa'

passiv minflok naqqas id-danni. Dan apparti li fis-sena 2009 jidher li l-ghalqa nhadmet.

10.11 Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jintlaqa' parzjalment fir-rigward tar-raba' 'A' (ritratt CSH2 a fol. 85).

10.12 Fir-rigward ta' ghalqa 'B', l-aggravju hu michud gialadarba bl-agir illecitu tieghu l-konvenut cahhad lill-attur milli jkollu access ghal dik l-ghalqa, u dan wara kollox kif konfermat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-31 ta' Mejju 2012 fil-kawza 842/2007 (fol. 65).

11. **It-tielet aggravju – l-ewwel qorti skartat ghal kollox dak li qal l-espert *ex parte* Mark Scalpello**.

11.1 F'affidavit (fol. 369) Mark Scalpello qal:

> *"Based on my assumption, mainly due to the amounts as shown in the tax returns sent to the Inland Revenue and the potential income that would have resulted, I believe that a loss of earnings of not more than €940.32 could have been resulted. If one were to look at the tax returns, the income from the sale of wheat and potatoes on land other than the ones mentioned above has results in losses of minimal income for years 2009, 2010, 2011 and 2012".*

11.2 Il-konvenut jilmenta li l-ewwel qorti skartat ghal kollox l-opinjoni ta' Mark Scalpello.

11.3 Fis-sentenza l-ewwel qorti kienet zbaljata meta qalet, *"L-attur ressaq lil Mark Scalpello l-accountant tieghu jixhed u dan spjega kif effettivament kien hadem l-istima Dok. MM3".* L-ewwel qorti ghamlet zball ta' fatt ghaliex Mark Scalpello kien l-accountant inkarigat mill-konvenut biex jaghti parir dwar it-telf ta' qliegh li kien qieghed jippretendi l-attur skont ma ddikjara f'dokument MM3.

11.4 Minn dak li fehmet din il-qorti, jidher li Scalpello ibbaza l-opinjoni tieghu fuq il-qliegh nett li l-attur iddikjara fil-formoli tat-taxxa ghas-snin 2008 sal-2012. Min-naha l-ohra l-perit tekniku nkarigat mill-qorti bbaza l-kalkoli fuq qliegh seta' jaghmel l-attur kieku hadem iz-zewg ghelieqi. Mill-formoli tat-taxxa jirrizulta li l-attur iddikjara qliegh nett:

| **Sena.** | **Qliegh nett**. |
|---|---|
| 2008 | €6,107 |
| 2009 | €547 |
| 2010 | €0 |

| | |
|---|---|
| 2011 | €218 |
| 2012 | €0 |

Irrizulta li fis-snin 2009, 2010 u 2011 l-attur ma kabbarx patata. Fis-seduta tal-15 ta' April, 2015, Joseph Debono xehed:

i. L-attur ghandu sittin tomna raba' apparti dik li hi meritu tal-kawza. Mid-dokumenti jidher li l-attur ghandu 60,125 metri kwadri ta' raba' li huma mqassim f'Birzebbugia, Ghaxaq u Gudja (ara dokument a fol.325), u li jinkludu z-zewg ghelieqi oggett tal-kawza.
ii. *"Ir-returns li ahna ezebejna ma jirriflettux l-ghelieqi meritu tal-kawza izda l-ghelieqi kollha tieghu".*
iii. Fis-snin 2009, 2010 u 2011 l-attur ma zerghax patata ghal skop ta' esportazzjoni. Pero' zied, *"Konna zrajna xi haga zghira bejnietna u ma jkunx hemm qliegh u ghalhekk ma nnizluhx".*

11.5 Il-kalkoli li aghmel Scalpello huma bazati fuq 59,328 metri kwadri, kejl ta' raba' li nhadmet kull sena mill-attur u ma jinkludux iz-zewg ghelieqi meritu tal-kawza (ara fol. 370). Madankollu kif rajna jidher li r-raba' kollha, inkluz dik oggett tal-kawza, kellha kejl ta' 60,125 metri kwadri. Hu biss fir-rigward tas-sena 2011 li fid-dikjarazzjoni tal-qliegh u telf, l-attur iddikjara li hadem tlieta u tletin tomna (33) raba' li ntuzat ghat-tkabbir tal-qamh. Pero' fir-rigward tas-snin l-ohra mhux maghruf kemm inhadmet mir-raba'. Il-qorti zzid li fis-snin li fihom Scalpello nizzel '0', ghaliex l-attur iddikjara li ma kellux qliegh izda telf, xorta li kieku hadem l-ghelieqi in kwistjoni kien ikollu dhul li jservi biex inaqqas it-telf. Fil-fehma tal-qorti l-ezercizzju li aghmel Scalpello ma jgibx fix-xejn ir-rapport tal-perit tekniku.

11.6 L-attur isostni li ghas-snin 2008 sal-2012 sofra telf ta' €3,507 fir-rigward tar-raba' oggett tal-kawza, li ma jinkludix is-sussidju li kieku rcieva minghand il-Gvern. Fir-rapport il-perit tekniku kkonkluda li t-telf ta' qliegh hu ta' **tlett elef mitejn u hamsin ewro (€3,250)**.

11.7 L-ghalqa 'B' fiha kejl ta' cirka 3,835 metri kwadri (fol. 45). Mit-taghrif li ghandha l-Agenzija tal-Pagament, il-kejl hu 3,444mk (fol. 325).

11.8 Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad f'paragrafu 4 ta' din is-sentenza, il-fatt li ghalqa' 'B' hi baghli u ghalhekk tintuza biss ghall-qamh, l-opinjoni ta' Scalpello u l-perit tekniku ma jibqghux ghal kollox rilevanti. Il-qorti madankollu dwar li qieset dak li jippretendi l-attur, dak li qal Scalpello, l-opinjoni tal-perit tekniku, id-daqs tar-raba' u x'kien jigi

kkultivat fl-ghalqa qabel l-ispoll, qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' **hames mitt ewro (€500) bhala telf ta' qliegh.**

11.9 Fic-cirkostanzi dan l-aggravju qieghed jintlaqa' parzjalment biss.

12. **<u>Raba' aggravju – spejjez</u>**.

12.1 Il-konvenut jsostni li m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez ghaliex id-danni gew kawzati mill-attur stess li ghazel li ma jahdimx ir-raba' tieghu.

12.2 Hemm sentenza li hi gudikat li l-konvenut ha l-ligi b'idejh meta dejjaq konsiderevolment il-wisa' tad-dahla tal-ghalqa tal-attur. Dan fisser li l-attur ma setax jidhol bl-ingenji.

12.3 Dan l-aggravju hu fieragh meta tqis li din il-kwistjoni qamet minhabba l-arroganza tal-konvenut li ha l-ligi b'idejh. Fatt li llum gie kkonstat f'sentenza tal-qorti li hi gudikat, u ighid x'ighid il-konvenut hi l-unika verita li a bazi taghha kellha tiddeciedi l-ewwel qorti.

13. Issa l-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra u tiddeciedi dwar l-appell tal-attur.

14. **<u>L-ewwel aggravju – telf ta' sussidju.</u>**

14.1 L-attur isostni li ressaq prova li tilef sussidju fl-ammont ta' erbat elef hames mija u wiehed u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,571.43) [ara fol. 32-33]. Jilmenta wkoll li ladarba l-ewwel qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, kellha tikkundannah ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza u mhux nofshom.

14.2 F'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti llikwidat id-danni, ma saret l-ebda riferenza ghal dawn id-danni li l-attur jippretendi li kellhom jizdiedu mas-somma l-ohra.

14.3 L-ewwel qorti qalet li ma ssibx raguni ghalfejn ghandha *"tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali"*. Pero' fir-rapport tal-perit tekniku Dr Charles Francis Grech gie kkonfermat, *"Din in-nuqqas ta' hidma fissret li l-attur (il-bidwi Micallef jew min jahdem l-art f'ismu) kellu telf ta': 1)* ***Is-sussidju (intitolamenti) mill-istess Agenzija skond dok. MM2....*** *"* (fol. 114). Fl-ebda parti mir-relazzjoni l-perit tekniku ma kkonkluda xi haga kontra dik il-pretensjoni tal-attur.

14.4 F'ittra datata 30 ta' Lulju, 2012 l-Agenzija ghall-Pagament baghtet tgharraf lid-difensur tal-konvenut x'pagamenti seta' kien intitolat

ghalihom l-attur mis-sena 2007 sal-2012 fuq ir-raba' oggett tal-kawza (fol. 32). Hemm tlett tipi ta' pagament:

- Pagament Uniku (*entitlements*);
- Zoni Zvantaggati (LFA);
- Mizuri Agro-Ambjentali;

14.5 Mario Bajada, ufficjal tal-agenzija ghall-pagamenti, xehed li *"[....] kull min applika fis-sena elfejn u sebgha u dan sabiex jiehu l-ghajnuna naturalment ghal dawk il-persuni li kienu qeghdin jahdmu r-raba', fis-sena elfejn u tmienja kienu hargu xi entitlements.... u dawn l-entitlements kienu jitqassmu matul perjodu ta' hames snin mill-elfejn u tmienja sal-elfejn u tnax"* (fol. 61). Kompla jghid li l-attur m'applikax, u *"Dawn l-entitlements kienu hargu biss darba fis-sena elfejn u tmienja ghal applikazzjonijiet li saru fis-sena elfejn u sebgha"*. Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2014 rega' xehed u qal, *"Huwa minnu li l-entitlements hargu biss fis-sena 2008 rigwardanti ghelieqi li gew mahduma fis-sena 2007"* (fol. 173) u li l-entitlements hargu b'riferenza ghar-raba' li nhademt fis-sena 2007 u *"... nghid li l-pagament huwa uniku ghaliex huwa pagament ta' darba li tkun qed tahdem ir-raba"*. Mhux maghruf ghalfejn l-attur m'applikax fis-sena 2007, meta tqis li f'dik is-sena r-raba' kienet inhadmet. Il-perit tekniku stess xehed, *"Mill-evidenza migbura waqt is-seduta li zamm il-perit tekniku, jrid jinghad li peress li fl-2007 il-patata lahqet ingabret kif ukoll il-qamh kien ga nhasad, allura t-telf ghal dik is-sena kien biss tas-sussidju mill-Agenzija ghal-Pagamenti kif muri f'dokument MM2"*. Pero' l-qorti ma tifhimx ghalfejn l-attur m'applikax jekk il-prodott kien ingabar mir-raba'. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 Mario Bajada stess xehed, *"Kieku kien applika fis-sena 2007 kien ikun intitolat ghall-pagament uniku fuq dawn iz-zewg parcels, pero' m'applikax"* (fol. 240).

14.6 Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti m'hijiex sodisfatta li l-konvenut ghandu jwiegeb ghas-sussidju relatat mas-sena 2007 u ghall-pagament uniku (*entitlements*).

14.7 Ghal dak li jikkoncerna l-hlasijiet l-ohra li jissemmew fl-ittra a fol. 32, il-qorti tirreferi ghal dak li xehed Mario Bajada; *"Nixtieq nghid illi sabiex bniedem japplika maghna jrid bilfors ikun qed jahdem l-art u jekk effettivament japplika maghna u ma kienx qed jahdimhom kien ikun hemm il-konsegwenzi, u cioe' kien jigi kkundannat ihallas il-penali"*. L-ewwel qorti kkonkludiet li l-attur ma setax jahdem ir-raba' bejn is-sena 2008-2012. Dan ifisser li tilef pagamenti mill-Agenzija tal-Pagamenti, li kieku kien ikun intitolat ghalihom. Mid-dokument a fol. 33, skont il-

kalkoli li ghamlet din il-qorti l-attur kien ikun intitolat ghall-hlas[2] ta' **tlett elef sitt mija u tnejn u disghajn ewro u tlieta u erbghin centezmu (€3,692.43)** jekk wiehed jinkludi z-zewg ghelieqi.

14.8 Mehud in konsiderazzjoni dak li nghad iktar qabel f'din is-sentenza l-qorti tikkonkludi li l-pretensjoni tal-attur fir-rigward tas-sussidju tista' tregi biss fir-rigward ta' dik il-porzjon raba' markata bl-ittra 'B' fir-ritratt CSH2 a fol. 85. Bazat fuq it-taghrif moghti mill-Agenzija tal-Pagament[3], l-ammont dovut hu ta' **elf sitt mija u disa' u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1,689.58)** [fol. 33].

15. **<u>It-tieni aggravju – m'huwiex minnu li l-ammont hu ezagerat.</u>**

15.1 L-attur isostni li ladarba l-konvenut kellu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €7821.43, l-ewwel qorti ma kinitx korretta meta qalet li t-talba kienet ezagerata. Zied li ladarba gew michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, l-ewwel qorti kellha tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza.

15.2 Hu evidenti li l-ewwel qorti zbaljat meta cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut. Fir-realta bil-mod kif iddecidiet giet li kkonfermat dak li qal il-konvenut fis-sitt eccezzjoni, *"Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub minnu bhala danni hu wiehed ezagerat"*.

15.3 F'kull kaz l-ammont pretiz hu fil-fatt ezagerat meta tqies dak li nghad iktar qabel. Ghalhekk il-konvenut ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez kollha.

16. **<u>Tielet aggravju – l-imghax</u>.**

16.1 L-attur jippretendi l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors li bih inbdew il-proceduri.

16.2 L-attur inghata ragun fir-rigward tas-somma ta' **elfejn mija u disgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2,189.58)**, li hu ferm inqas minn dak li kien qieghed jippretendi. Ghalhekk l-imghax jiddekorri mil-lum.

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq:-**

1. **Tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut bil-mod kif spjegat hawn fuq.**

---

[2] Dan fir-rigward pagamenti relatati ma' Zoni Zvantaggati u Mizuri Agro-Ambjentali (fol. 32).
[3] Mal-Agenzija tal-Pagament l-ghalqa 'B' (Dok. CSH2 a fol. 85) ghandha n-numru GDJ0 5466 98.

2. **Tilqa’ parzjalment l-appell tal-attur bil-mod kif spjegat hawn fuq.**
3. **Tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti tad-9 ta’ Marzu, 2016 u filwaqt li tiddikjara li l-ammont pretiz mill-attur hu ezagerat, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn mija u disgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2,189.58).**
4. **L-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appelli jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet wara li l-qorti qieset li giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, li l-konvenut hu responsabbli ghad-danni, l-ammont pretiz mill-attur kien bil-bosta ezagerat, l-aggravji li ntlaqghu u michuda fl-appelli rispettivi.**

Anthony Ellul.